KNISJA elfejn

sena XXXV nru. 145

lulju – settembru 2023

# Teoloġi Kattoliċi ta' żmienna

WERREJ

Fr Raymond Gatt OP
**Editorjal** 1

E.T. Mons. Ġorġ Frendo OP
**It-teoloġija u xi teoloġi kbar ta' nofs is-seklu 20** 5

Natalino Camilleri
**Romano Guardini u r-rabta bejn Alla u l-bniedem** 21

Sr Mary Anne Sultana DSH
**Pierre Theilhard de Chardin SJ and his Spirituality** 31

Fr Mario Farrugia SJ
**Henri de Lubac SJ u l-impenn tiegħu fil-Knisja** 39

Dr Dorianne Buttigieg
**Yves Congar OP: Ispirazzjoni għat-tiġdid tal-Knisja** 49

Mons. Prof. Hector Scerri
**Karl Rahner SJ: Kontribut enormi u kwalifikat lit-Teoloġija tas-Seklu 20 u 21** 59

Prof. John Berry
**Hans Urs von Balthasar u l-kobor tal-imħabba ta' Alla** 69

Fr Raymond Gatt OP
**Edward Schillebeeckx OP u t-tfittxija tal-preżenza t'Alla fid-dinja** 77

Fr Christopher Caruana OP
**Themes in the Fundamental Theology of Joseph Ratzinger/Benedict XVI** 87

Rev. Dr Kevin Schembri
**Lejn ħelsien sħiħ: it-teoloġija ta' Gustavo Gutierrez OP** 97

Kontributuri 108

# Karl Rahner SJ: Kontribut enormi u kwalifikat lit-Teoloġija tas-Seklu 20 u 21

Mons. Prof. Hector Scerri

Jekk ħafna jsostnu li Karl Barth (1886-1968) kien l-akbar teologu Protestant tas-seklu 20, fl-istess nifs dawn jistqarru li Karl Rahner (1904-1984) kien it-teologu Kattoliku li l-aktar li ħalla impatt fil-kamp tar-riflessjoni teoloġika Kattolika, imma anki lil hinn minnha. Rahner kien bniedem li kellu l-atteġġjament pożittiv li joqgħod bil-paċenzja kollha jisma' dak li qed jingħad minn ħaddieħor, u l-mistoqsijiet li kienu jsiru. Dan wasslu biex ikun teologu ta' riflessjoni profonda. *Fil-fatt, hu stess kien jiddeskrivi t-teoloġija dommatika bħala dik ix-xjenza li tipprova tagħraf u tħaddan is-smigħ.* Rahner innifsu bħala bniedem u t-teoloġija li hu sawwar kienu r-riżultat tas-smigħ tiegħu tal-fidi ħajja tal-Knisja, kif ukoll tas-smigħ ta' bnedmin lil hinn mill-Knisja.[1]

Hu sostna li l-istqarrijiet dottrinali jistgħu jsiru jixbhu l-ħemda ta' ċimiterju, u għalhekk Rahner kien konvint li l-istqarrijiet dottrinali l-kbar tal-konċilji mhumiex l-aħħar kelma jew it-tmiem ta' argument, imma l-bidu ta' aktar riflessjoni ħajja. Kien jgħid li saħansitra l-formula tal-Konċilju ta' Kalċedonja (451) teħtieġ aktar riflessjoni peress li "hi ma ssolvix, imma fil-fatt tippreserva." Kif se naraw aktar tard f'dan l-artiklu, it-teoloġija ta' Rahner turi r-rabta kbira bejn l-antropoloġija u l-kristoloġija.[2] Il-kontribut ippubblikat ta' Rahner huwa wieħed fenomenali. Ħafna mill-kotba tiegħu għadhom popolari sal-lum. L-influwenza tiegħu bħala espert waqt il-Konċilju Vatikan II (1962-1965) hi evidenti.

### Min kien Rahner?

Karl Rahner twieled nhar il-5 ta' Marzu 1904 fil-belt ta' Freiburg-im-Breisgau fil-Ġermanja, fejn għamel l-istudji tiegħu kollha sakemm

kellu tmintax-il sena. F'din l-età, hu ddeċieda li jissieħeb fl-Ordni tal-Ġiżwiti, kif kien għamel ħuh akbar minnu, Hugo Rahner (1900-1968). Fis-snin tan-novizzjat, hu ddedika lilu nnifsu b'mod sħiħ għall-aspett spiritwali. Hu affronta l-isfidi tal-ħajja spiritwali mhux biss minn angolu prattiku, imma anki mill-aspett tal-ħsieb. Wara, hu għadda għall-istudju tal-filosofija u tat-teoloġija fejn kellu għalliema mill-aqwa. Kien minn dan il-perjodu li Rahner beda juri ammirazzjoni lejn Immanuel Kant (1724-1804) u lejn Joseph Maréchal (1878-1944) li kien filosfu Ġiżwita li għamel użu tal-metodu traxxendentali ta' Kant fit-duttrina Tomista dwar l-għarfien. Bejn l-1929 u l-1932, Rahner studja t-teoloġija ġewwa Valkenburg fl-Olanda. Kien ordnat saċerdot fid-29 ta' Lulju 1932.

Wara, hu mar lura f'belt twelidu, u hemm inkiteb fil-Fakultà tal-Filosofija. Figura dominanti fl-Università ta' Freiburg-im-Breisgau kienet dik tal-filosfu Martin Heidegger (1889-1976). Kif isostnu ħafna, din il-laqgħa ta' Rahner ma' Heidegger kienet mument ieħor deċiżiv fil-formazzjoni filosofika tiegħu, esperjenza li ħaditu lil hinn minn Maréchal lejn il-problematika. Din wasslitu biex jirrikonsidra l-problema tal-finitezza temporali tal-bniedem f'relazzjoni mal-għarfien tal-essri. F'intervista li saret lil Rahner fl-1982, sentejn qabel il-mewt tiegħu, Rahner sostna li, filwaqt li jammira lil Heidegger, wieħed m'għandux jesaġera l-influwenza ta' dan il-filosfu fuqu.[3]

Rahner stess sostna li hu kien inbagħat jistudja Freiburg biex 'il quddiem hu jkun jista' jgħallem l-istorja tal-filosofija. Ġewwa Freiburg, Rahner ħadem fuq teżi taħt id-direzzjoni ta' Martin Honecker (1888-1941) li kien neo-skolastiku kuntrarju għall-eżistenzjaliżmu. Il-mod kif Rahner żviluppa t-teżi tiegħu dwar il-metafiżika tomista dwar l-għarfien wassal għal nuqqas serju ta' qbil ma' Honecker. Madankollu, din il-kitba magħrufa ta' Rahner kienet ippubblikata fl-1939 bl-isem *Geist in Welt* (*Spirit in the World*) fejn hu ttratta l-metafiżika tal-għarfien finit skont San Tumas d'Aquino. Kienu bosta li f'dak iż-żmien faħħru dil-kitba.

Kif jistqarr Rahner innifsu, il-pjanijiet tas-superjuri tiegħu dwaru nbidlu u ntbagħat jistudja ġewwa Innsbruck fl-Awstrija, fejn kellu jgħaddi ħafna snin bħala professur tat-teoloġija. F'Innsbruck hu

kiseb dottorat fit-teoloġija permezz ta' teżi dwar l-oriġni tal-Knisja mill-kustat minfud ta' Kristu skont il-kitbiet ta' Missirijiet il-Knisja. Fil-kuntest tal-okkupazzjoni tal-Awstrija mir-reġim Nazista, Rahner kellu jħalli Innsbruck u sab kenn ġewwa Vjenna fejn ħadem f'istitut tal-pastorali. Hemm kien jagħti korsijiet dwar l-antropoloġija bħala l-punt tat-tluq tat-teoloġija. Din kienet it-tema li hu kien diġà elabora dwarha fi studju ieħor tiegħu li jibqa' wisq magħruf, *Hörer des Wortes* (*Hearers of the Word*) li kien temm fl-1937, imma li ppubblika fl-1941. Wara t-tmiem tal-Gwerra, Rahner għamel ħidma pastorali fil-Bavarja u kien jgħallem it-teoloġija dommatika fil-kulleġġ tal-Ġiżwiti f'Pullach. Fl-1949, hu beda jgħallem f'Innsbruck.[4]

Permezz tal-Konċilju Vatikan II (1962-1965), il-fama ta' Rahner xterdet b'mod notevoli fil-kamp internazzjonali. Minkejja li sab ħafna bsaten fir-roti minn ċerti ambjenti fil-Knisja biex jippubblika kitbietu – u saħansitra kien hemm perjodu meta twaqqaf milli jippubblika – kien il-Papa Ġwanni XXIII (1881-1963) li ħatru bħala wieħed mill-*periti* tal-Konċilju, jiġifieri espert fit-teoloġija. Dan wassal biex Rahner ikollu influwenza fuq dak li eventwalment kien ippubblikat fid-dokumenti tal-Konċilju. Fl-1964, huwa ħa l-kattedra tal-filosofija tar-reliġjonijiet li kien jokkupa Romano Guardini (1885-1968) fl-Università ta' Münich. Fl-1967, beda jgħallem f'Münster. Kien f'dan il-perjodu, sa tmiem is-snin 70, meta hu ntefa b'ruħu u ġismu biex ixerred it-tagħlim tal-Konċilju Vatikan II u l-prinċipji li ħarġu minnu. Kien ukoll strumentali biex isegwi ċerti movimenti postkonċiljari fil-kuntest tas-sekularizzazzjoni, kif ukoll id-djalogu mal-ateiżmu u mal-marxiżmu. Kien f'dan il-perjodu li Rahner sofra ħafna minn dawk li kienu jħaddnu teoloġija meqjusa bħala 'konservattiva'. Fil-bidu tas-snin 80, wara li temm it-tagħlim ġewwa Münich, mar lura Innsbruck fejn miet nhar it-30 ta' Marzu 1984.[5]

### Il-kitbiet ta' Rahner

Karl Rahner għandu madwar erbat elef kitba, bejn artikli u kotba. Għalkemm hu kiteb l-aktar dwar it-teoloġija dommatika, għandu kitbiet li jittrattaw il-morali, il-pastorali u l-ispiritwalità. Daħal f'diversi dibattiti konnessi mal-politika, is-soċjoloġija, ix-xjenza u

t-teknoloġija.[6] L-interess tiegħu fil-filosofija, l-ewwel namra tiegħu, hu notevoli wkoll. Qabel ma ngħaddu biex nesploraw xi aspetti tat-teoloġija kif preżentata minn Rahner, hu xieraq li nsemmu l-aktar xogħlijiet importanti tiegħu, apparti dawk it-tnejn li diġà semmejna aktar kmieni. Għal raġunijiet ta' prattiċità, se nagħti l-ismijiet ta' dawn il-kotba bl-Ingliż, kif ħafna mill-qarrejja huma familjari magħhom (bid-data tal-pubblikazzjoni u dettalji oħra tat-traduzzjoni, u mhux tal-oriġinal bil-Ġermaniż):

- *Hearers of the Word* (New York: Herder & Herder, 1969)
- *Spirit in the World* (London: Sheed & Ward, 1989)
- *Theological Investigations*, 23 volum (London: Darton, Longman & Todd, 1961-1992)
- *Studies in Modern Theology* (London: Burns & Oates, 1965)
- *Foundations of Christian Faith* (London: Sheed & Ward, 1978)
- *Sacramentum Mundi: An Encyclopedia of Theology*, 6 volumi (London: Burns & Oates, 1968-1970) ma' Cornelius Ernst u Kevin Smyth
- *Mission and Grace*, 3 volumi (London: Sheed & Ward, 1963-1966)
- *Biblical Homilies* (London: Burns & Oates, 1966)
- *Everyday Things* (London: Sheed & Ward, 1965)
- *Spiritual Exercises* (New York: Herder & Herder, 1965)
- *The Celebration of the Eucharist* (London: Burns & Oates, 1968)
- *Concise Theological Dictionary* (London: Burns & Oates, 1963) ma' Herbert Vorgrimler

Dawn huma fost l-aktar kotba magħrufin, għalkemm hemm oħrajn – ngħidu aħna fis-serje popolari *Quaestiones Disputatae*, fejn kull ktejjeb hu fl-istil ta' monografu – u, kif għedna eluf ta' artikli f'rivisti ta' teoloġija jew vuċijiet f'enċiklopediji differenti. Hemm għadd kbir ta' artikli, speċjalment dawk li dehru f'*Theological Investigations* (*Schriften zur Theologie*), li huma t-test tal-mijiet ta' diskorsi li kien mistieden jagħmel f'universitajiet u istituti oħra ta' kull tip, fil-Ġermanja u madwar l-Ewropa.

**Il-kontribut teoloġiku ta' Rahner**

Għal Rahner, ix-xandir tal-*kerygma* – iffurmata kif inhi mill-Iskrittura, it-tradizzjoni, il-liturġija, id-duttrina u l-maġisteru ekkleżjali – jipprovdi l-qafas oriġinali għat-tiftix teoloġiku u l-formulazzjoni tiegħu.[7] *Aspett distintiv tat-teoloġija ta' Rahner u l-prattika tiegħu tat-teoloġija hu l-isforz li jagħmel biex juri l-għaqda interna u l-intelliġibiltà tal-proklamazzjoni Nisranija fis-sempliċità u l-għana kollu tagħha.* B'dan l-oġġettiv quddiem għajnejh, Rahner ma jfittixx l-istil tipiku tat-teoloġija neo-skolastika. Tant hu hekk li hu kien iħares lejn iċ-ċarezza assoluta ta' dik li tissejjaħ *textbook theology* tat-trattati formali bħala defiċjenza, u għalhekk kien jaħrab dan l-istil. Fil-fatt, il-metodu tiegħu – jew aħjar il-metodi alternattivi tiegħu – taw bidu għal programm ta' qafas teoloġiku li ma kienx sistematiku, imma li kien jispikka fil-koerenza tiegħu. Rahner ħadem kemm felaħ biex jeħles id-duttrini Nsara u l-viżjoni integrali tal-misteru Nisrani mill-preżentazzjoni neo-skolastika klassika.[8]

*Aspett ċentrali tal-metodoloġija ta' Rahner fl-iżvilupp tal-qafas teoloġiku tiegħu hu dak li jissejjaħ* ***il-metodu traxxendentali***. Permezz ta' dan il-metodu, hu juża argumenti traxxendentali biex jegħleb ftit mid-difetti tan-neo-skolastiċiżmu u jmexxi 'l quddiem il-proposti teoloġiċi tiegħu. Fl-ewwel sens, jew is-sens loġiku, il-metodu traxxendentali juża argumenti li jiddefendu l-attwalità ta' ċerti sitwazzjonijiet billi juri li l-kundizzjonijiet tal-possibiltà tagħhom fil-fatt irieġu. Rahner juża din it-tip ta' argumentazzjoni b'mod inġenjuż fit-teoloġija u b'manjieri li jirriflettu kemm huma tajbin biex tiġi ppreżentata l-fidi Nisranija.

Ħafna aspetti ċentrali għall-fidi Nisranija huma magħrufa biss permezz tar-rivelazzjoni divina, u għalhekk huwa Alla biss li "jippossedi" l-għarfien kollu tagħhom, u għalhekk il-kundizzjonijiet tal-attwalità tagħhom. Imma t-teoloġi u l-fidili komuni jistgħu jesploraw ir-raġunijiet għaliex jagħmel sens li wieħed iħaddan il-veritajiet mgħallma mir-rivelazzjoni, jew jipprova juri kif dawn il-veritajiet isostnu lil xulxin. *Rahner isostni li l-veritajiet Insara jiffittjaw mal-esperjenza umana ta' kuljum.* Rahner jagħmel użu tal-metodu traxxendentali fix-xogħlijiet magħrufa tiegħu *Spirit in the World* u *Hearers of the Word*. L-argumentazzjoni tiegħu tmur lil hinn

mit-teoloġija filosofika u tasal fil-kamp tat-teoloġija fundamentali, b'mod u manjiera, per eżempju, li l-possibiltà t'għarfien uman tal-eżistenza t'Alla jgħaddi għall-kundizzjonijiet tar-reċettività umana għall-possibiltà ta' rivelazzjoni divina.

Il-varjetà enormi u n-numri kbir ta' kontributi ta' Rahner ġiegħel lill-istudjużi tat-teoloġija ta' dan il-ġenju Ġermaniż sabiex jippruvaw isibu xi espressjoni jew oħra li tesprimi t-teoloġija tiegħu. Fost dawn il-kelmiet jew frażijiet, insibu dawn: 'il-komunikazzjoni t'Alla minnu nnifsu' (*divine self-communication*), 'misteru qaddis', 'antropoloġija teoloġika', u 'l-metodu traxxendentali' li għadna kemm tkellimna fuqu. Bosta studjużi dwar Rahner isostnu li t-teoloġija Rahnerjana tiddependi ħafna fuq ix-xogħlijiet filosofiċi tiegħu.[9]

Wara li tajt l-qafas tal-metodu ta' Rahner, issa ngħaddi biex nelenka dawk li huma fost l-aktar elementi li jispikkaw mill-kontribut teoloġiku tiegħu:

***Il-kristoloġija bħala l-quċċata tal-antropoloġija.*** Aspett importanti – li faċli nifhmuh – fit-teoloġija ta' Rahner hu r-rabta li ma tinħallx bejn l-antropoloġija (jiġifieri l-istudju sistematiku fuq l-esperjenza umana) u l-kristoloġija. *Rahner isostni li l-quċċata tal-antropoloġija tinstab fil-kristoloġija.* Personalment nistħajjel li bħala wieħed mill-esperti fil-Konċilju Vatikan II, Rahner seta' kien dak li kkontribwixxa biex tiddaħħal dik l-affermazzjoni straordinarja li naqraw fil-Kostituzzjoni Pastorali dwar il-Knisja fiż-żminijiet tal-lum *Gaudium et spes*, para.22: "Il-misteru tal-bniedem jiddawwal tassew biss fil-misteru tal-Iben t'Alla magħmul bniedem. Għax Adam, l-ewwel bniedem, kien xbieha ta' dak li kellu jiġi, jiġifieri ta' Kristu l-Mulej ... Għalhekk m'għandniex għax nistagħġbu li fih il-veritajiet li semmejna jsibu l-bidu tagħhom u jilħqu l-quċċata tagħhom."

***It-teoloġija traxxendentali*** ta' Rahner hi ċċentrata fuq it-twemmin li l-ftuħ uman (*human openness*) għat-traxxendent għandu bħala pedament l-għarfien minn qabel (*pre-apprehen*sion, jew, bil-Ġermaniż, *Vorgriff*) tar-realtà infinita ta' Alla li hu traxxendenti. Rahner iwissina li m'għandiex inħalltu t-traxxendenza umana mat-traxxendenza t'Alla.

Hawnhekk ta' min insemmu t-terminu *supernatural existential* fejn Rahner jibni fuq Heidegger u jadatta l-kelma biex jgħid li s-*supernatural existential* hu fl-estrem l-ieħor tad-dnub oriġinali, għax is-*supernatural existential* tfisser li, *qabel ma aħna nilqgħu l-grazzja, aħna diġà disposti pożittivament għaliha*. Rahner kien konvint li n-natura umana hi orjentata lejn Alla. It-tifsira ta' *Vorgriff* tippreżenta l-bniedem bħala esseri li jonqsu xi ħaġa, u għalhekk hu msejjaħ biex ikun miftuħ lejn Alla u lejn id-dinja. Rahner jistqarr ukoll li l-bnedmin huma ħlejqiet li għandhom ġisem u li fondamentalment għandhom ftuħ bla limitu għall-għarfien (*knowledge*) u l-libertà. Meta jitkellem dwar il-persuna umana, Rahner jippreferi t-terminu 'spirtu' (*Geist*) milli 'ruħ' (*Seele*).

*Is-salvazzjoni fid-dawl tat-teoloġija tal-grazzja ta' Rahner.* Il-kapaċità li aħna nwieġbu lil Alla tiġi mill-grazzja li ttrasforma l-*consciousness* tagħna bħala persuni. Skont Rahner, tweġiba pożittiva għall-komunikazzjoni ta' Alla nnifsu (*divine self-communication*) isseħħ meta aħna naċċettaw it-traxxendenza tagħna li hi mingħajr limiti.

*Insara anonimi.* Din hi nozzjoni kontroversjali li Rahner innifsu introduċa fejn jisħaq li persuni li qatt ma semgħu bi Kristu jew l-Evanġelju xorta jistgħu jiġu mifdija permezz ta' Kristu. Dan insibuh fit-testi tal-Konċilju Vatikan II, u għalhekk ma neskludux li kien Rahner innifsu, jew isqfijiet influwenzati tajjeb minnu li inkludewha fid-dokumenti: "Infatti, dawk li mingħajr ħtija ma jagħrfux l-Evanġelju ta' Kristu u l-Knisja tiegħu iżda fl-istess ħin ifittxu bis-sinċerità lil Alla u bl-għajnuna tal-grazzja tiegħu jippruvaw jagħmlu r-rieda tiegħu kif jaslu jagħrfuha minn dak li tgħidilhom il-kuxjenza tagħhom, jistgħu jiksbu s-salvazzjoni ta' dejjem" (*Lumen gentium*, par. 16).[10] Nippreferi nħallu lil Rahner innifsu jfisser dan:

> *Anonymous Christianity means that a person lives in the grace of God and attains salvation outside of explicitly constituted Christianity... Let us say, a Buddhist monk... who, because he follows his conscience, attains salvation and lives*

> *in the grace of God: of him I must say that he is an anonymous Christian; if not, I would have to presuppose that there is a genuine path to salvation that really attains that goal, but that simply has nothing to do with Jesus Christ. But I cannot do that. And so, if I hold that everyone depends upon Jesus Christ for salvation, and if at the same time I hold that many live in the world who have not expressly recognized Jesus Christ, then there remains in my opinion nothing else but to take up this postulate of an anonymous Christianity.*[11]

***It-Trinità ekonomika u t-Trinità immanenti.*** F'wieħed mill-aktar *essays* importanti ta' Rahner, bl-isem "The Trinity", naqraw li "t-Trinità ekonomika (*ad extra*) hi t-Trinità immanenti (*ad intra*), u li t-Trinità immanenti hi t-Trinità ekonomika." Fi kliem ieħor, Alla jikkomunika lilu nnifsu lill-umanità (*ad extra*) *kif fil-fatt hu* fil-ħajja divina tiegħu (*ad intra*). Hu kien jisħaq li Alla ma setax jikkomunika lilu nnifsu lilna bħala Trinità (*dreifaltige*) kieku ma kienx tassew Trinità ta' persuni fih innifsu.

***Il-milja tal-eżistenza umana***, skont Rahner, tinkiseb meta l-bniedem jilqa' l-komunikazzjoni li Alla jagħmel tiegħu nnifsu. *Il-persuna umana hi fil-fatt kostitwita minn din il-komunikazzjoni li Alla jagħmel tiegħu nnifsu.* Rahner jidentifika l-grazzja mal-komunikazzjoni li Alla jagħmel tiegħu nnifsu. Alla jrid jikkomunika lilu nnifsu u jsawwab l-imħabba għax hu l-imħabba fil-milja tagħha. Dan hu l-pjan tiegħu għall-ħolqien u għall-bniedem. Dan huwa l-miraklu tal-imħabba infinita. U għalhekk Alla ħalaq kreatura li jista' jħobb. Joħloq il-bniedem li jista' jilqa' din l-imħabba u jwieġeb għaliha. Il-bniedem, għalhekk, huwa sieħeb t'Alla, u għandu l-libertà li jilqa' l-imħabba t'Alla jew jirrifjutaha.

***L-inkarnazzjoni u l-grazzja.*** Għal Rahner, il-qalba tad-duttrina Nisranija hi l-ko-realtà tal-inkarnazzjoni u l-grazzja. L-inkarnazzjoni u l-grazzja huma termini tekniċi li jiddeskrivu l-messaġġ ċentrali tal-Evanġelju: Alla kkomunika lilu nnifsu, u *l-grazzja mhix għajr Alla nnifsu*, mhux xi "sustanza smewwija". Il-ġrajja ta' Kristu (*Christ

*event*), skont Rahner, hi ċ-ċentru tal-komunikazzjoni ta' Alla nnifsu. Alla mhux biss jikkommunika lilu nnifsu minn barra, imma l-grazzja hi l-element kostituttiv kemm tar-realtà oġġettiva tar-rivelazzjoni (il-Verb inkarnat), imma l-prinċipju suġġettiv tas-smigħ tagħna (il-Verb fih innifsu u l-Ispirtu s-Santu).

## Konklużjoni

Il-qalba tal-ħsieb teoloġiku ta' Karl Rahner tinsab fir-relazzjoni bejn is-suġġett u l-oġġett, u bejn l-orizzont traxxendentali u r-realtà tal-affarijiet. Ma' dan, naraw ukoll id-diversità bejn in-natura u dak li hu sopranaturali. Dawn kollha huma strumenti biex il-fidi Nisranija tibqa' dejjem attwali għaż-żminijiet kontemporanji, u kapaċi twieġeb għall-mistoqsijiet diffiċli dwar l-iżvilupp tad-dommi tal-fidi Nisranija. Meta l-metodu u l-kontenut ta' Rahner hu użat minn teoloġi intelliġenti u bilanċjati, b'għeruq fit-Tradizzjoni u leali lejn il-Knisja, il-ħsieb ta' Rahner – għalkemm ġie li diffiċli u impenjattiv – jista' jdawwal ħafna aspetti tal-misteru Nisrani.[12] Mhemm l-ebda dubju li Rahner kien u jibqa' wieħed mill-akbar teoloġi tal-aħħar mitt sena.[13] Hu interessanti l-kumment li bih kien għalaq id-diskors tiegħu ġewwa Malta, Fr Philip Endean, Ġiżwita, f'diskors kommemorattiv f'għeluq iċ-ċentinarju mit-twelid ta' Rahner:

> *All too easily we are tempted to construct Catholic identity in terms of certainty and condemnation, and the attitude of many authority figures today – no doubt for humanly understandable reasons – seems marked by the dishonesty and pathology that such a sense of Catholic identity promotes. Such voices suggest that Rahner's account of Christianity is passé – an eccentricity typical of the 1960s and 1970s that is best forgotten. When faced with that kind of comment, I like to adapt what Chesteron said about Christianity: the problem with Rahner's theology is not that it has been tried and found wanting: it has been found difficult, challenging, demanding of maturity – and therefore it has never been really tried. If we do try it, we can still, in this, his, centenary year, learn much from his theology of hope and dialogue. His message still remains to be appropriated.*[14]

Jidhirli li dan il-kumment ta' Endean hu minnu u f'waqtu. U żgur li jgħodd mhux biss għall-qarrejja ta' din ir-rivista, imma wkoll għall-komunità teoloġika tal-gżejjer tagħna!

## Noti

1. Ara Peter McEnhill – George Newlands, *Fifty Key Christian Thinkers* (London u New York: Routledge, 2004), 221.
2. Ibid.
3. Ara Battista Mondin, *Dizionario dei teologi* (Bologna: Edizioni Studio Domenicano, 1992), 475.
4. Ara ibid., 475-476.
5. Ara ibid., 476.
6. Ara ibid.
7. Ara James Buckley, "Karl Rahner as a Dogmatic Theologian,' f'*The Thomist* 47 (1983): 364-394.
8. Ara Joseph Augustine Di Noia, "Karl Rahner", f'*The Modern Theologians*, ed. David F. Ford (Oxford: Blackwell, 1990), 189.
9. Ara ibid., 195.
10. Ara wkoll *Gaudium et spes*, par.16, u l-*Katekiżmu tal-Knisja Kattolika*, par.839-848.
11. Karl Rahner, Paul Imhof u Hubert Biallowons, *Karl Rahner in Dialogue: Conversations and Interviews 1965-1982* (Chicago: Crossroad, 1986), 135.
12. Ara John M. McDermott, "Karl Rahner", *f'Storia della Teologia*, Vol. 3, *Da Vitus Pichler a Henri de Lubac*, ed. Rino Fisichella (Bologna: Edizioni Dehoniane, 1996), 746-747.
13. Ara Peter McEnhill u George Newlands, *Fifty Key Christian Thinkers*, 225.
14. Philip Endean, *Karl Rahner: Theologian of Hope and Dialogue*. Occasional Paper 5 (Malta: Discern, 2004), 22. It-taħdita saret f'Marzu 2004 f'Malta.